- *kawża kostituzzjonali wara li talba għal riferenza tiġi ddikjarata frivola u vessatorja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 372/2021 GM**

**L-Avukat Dottor Anthony P Farrugia (KI nru 46859M)**

**vs**

**Financial Intelligence Analysis Unit**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-proċedura li wasslet lill-FIAU biex timponilu multa

amministrattiva, kif ukoll il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, jiksru l-Art. 35 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Din il-kawża nfetħet wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell b'digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2021 ċaħdet talba għal riferenza għaliex qisitha intempestiva, frivola u vessatorja. In vista tal-ftuh tal-proċedura quddiem din il-Qorti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell bi provvediment mogħti fis-17 ta' Novembru 2021 issoprassjediet pendenti l-eżitu tal-proċeduri preżenti.

Il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) u l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

L-ewwel li sejra tiġi ttrattata hi l-ewwel eċċezzjoni tal-FIAU għaliex jekk tiġi milqugħa ma jkunx hemm għalfejn tinstama' l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat. L-ewwel eċċezzjoni tal-FIAU hi li ladarba l-Qorti tal-Appell iddikjarat l-ilment frivolu u vessatorju, ir-rikors promotur ta' din il-kawża huwa irritu u null. L-FIAU iċċitat sentenza, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet **Alfred Attard v. Avukat Ġenerali** fis-6 ta' Mejju 1992.

Dik is-sentenza stabbiliet li meta parti tħoss li jkollha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-parti tista' jew tiftaħ kawża quddiem din il-Prim'Awla nkella tqajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża u titlob riferenza għal din il-Qorti. Jekk il-Qorti li tkun tisma' l-kawża tiddeċiedi li l-kwistjoni hija waħda frivola jew vessatorja, il-parti ma tistax imbagħad tiftaħ kawża fuq kwistjoni li tkun materjalment u intrinsikament konnessa mal-mertu tal-każ pendenti quddiem il-Qorti ordinarja, għaliex, jekk tagħmel hekk, effettivament dik il-parti tkun qiegħdha tappella mid-deċiżjoni tal-Qorti ordinarja li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja.

Fil-proċedura preżenti, huwa proprju dan li qiegħed jistieden ir-rikorrent lil din il-Qorti biex tagħmel.

Għal dan il-motiv, din il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li tiddikjara r-rikors promotur irritu u null.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR.IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA